# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 375/2012**

Il-Pulizija

(Spettur Joseph Busuttil)

vs

**Emanuele Infurna**

iben Angelo, imwieled Pieta', fit-23 ta' Frar, 1971, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 21468(A)

Illum, 21 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Emanuele Infurna quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli talli f' dawn il-Gzejjer u cioe' gewwa l-Imgarr, nhar is-7 ta' April, 2012 ghal habta tat-20.00hrs:

1. Bl-imgieba tieghu gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil Silvana Infurna meta kien jaf jew missu kien jaf li dan l-agir kien ta' fastidju ghall-imsemmija persuna;

2. Talli ghamel uzu mhux xieraq b'appart ta' komunikazzjoni elettronika (mobile);

3. Talli kiser l-obbligi ta' garanzija personali moghtija lilu mill-Qorti fit-8 ta' Marzu, 2012;

4. Talli minghajr skuza ragonevoli kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni mposta fuqu b'ordni tal-Qorti moghtija lilu fit-3 ta' jannr, 2012.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tittratta l-imputat talli ghamel reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija fit-3 ta' Jannar, 2012 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tittratta ma' l-imputat bhala persuna recidiva.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' hitja tordna li s-somma li ghalija l-imputat Emanuele Infurna obbliga ruhu tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta’ Lulju, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 251(a)(b), 339(dd), 338(ee) u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal tlett (3) xhur prigunerija. Il-Qorti ordnat li s-sentenza tat- 3 ta' Jannar 2012 moghtija minn l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fejn l-imputat gie kkundannat tlett (3) xhur prigunerija sospizi ghal sena (1) tigi fis-sehh sabiex b'hekk l-imputat ghandu jiskonta b'kollox sitt (6) xhur prigunerija.

Inoltre' l-Qorti wara li rat l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kkundannat lill-imputat jhallas €500 ghal ksur tal-garanzija mposta fuqu.

Rat ir-rikors tal-appellant Emanuele Infurna tad-19 ta’ Lulju, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tillibera lill-esponenti minn kull akkuza.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata meta hija sabet lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u dan in vista li l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib il-prova tal-identita' tal-imputat. Illi l-kwerelanta Sylvana Infurna xehdet bil-gurament illi hija rceviet numru ta' sms minghand ir-ragel taghha. Illi ghalhekk il-prova li ngabet mill-prosekezzjoni hija li l-kwerelanta rciviet xi sms li skont hi ntbghatu minghand l-imputat. Illi dan il-fatt biss ma jippruvax lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-imputat kien propju l-persuna li baghat dawn l-sms. Illi huwa fatt pacifiku illi meta xi hadd jircievi sms, jircievi biss numru telefoniku ta' min allagetament qed jibghat l-sms. Illi dan biss minnhu nnfisu mhux bizzejjed sabiex tingieb il-prova tal-identita' tal-imputat. Illi ghalkemm in-numru li allegatament sabet l-kwerelanta prima facie jidher li seta' kien tal-imputat, zgur li l-livell ta' prova mitlub mill-prosekuzzjoni dak li jnehhi kull dubbju dettat mir-raguni ma ntlahaqx stante li qatt ma gie pruvat illi kien propju l-imputat li baghat dawn il-messaggi lill-kwerelanta u mhux xi persuna ohra li setghet uzat l-istess telefon cellulari. Illi l-istorja kienet tkun ferm differenti, f'kaz ta' telefonata fejn l-allegat vittma ta' fastidju jkun jista' jisma' l-vuci ta' min qed jaghmel il-fastidju u ghalhekk ikun hemm il-prova ta' identita' ta' min ikun qed iwettaq l-allegat reat. Illi f'dan il-kaz l-prova tal-identita' li l-prosekuzzjoni trid iggib lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni baqghet ma ngabitx u ghalhekk l-Onorabbli Qorti kienet zbaljata fid-decizjoni taghha stante illi hija qatt ma setghet issib l-imputat hati tal-imsemmi reat gialadarba ma kellix il-prova illi kien propju l-imputat li baghat l-imsemmija messaggi.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Ewwel Onorabbli kienet ukoll zbaljata fid-decizjoni taghha meta l-anqas biss ingiebet il-prova mill-prosekuzzjoni in rigward in-numru telefoniku uzat ghal allegat reat ta' fastidju. Illi l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha billi l-ewwelnett tistabillixi n-numru telefoniku li minnhu ntbaghtu l-messaggi allegatament ta' fastidju. Illi sabiex taghmel dan il-prosekuzzjoni f'dawn it-tip ta' kawzi trid ittella' bil-gurament rapprezentant tas-service provider sabiex jikkonferma bil-gurament fuq min in-numru telefoniku huwa registrat, u jekk kienx ghadu attiv f'data u l-hin tal-akkuza. Illi din il-prova l-anqas biss ngiebet,u tant inqas ma ntlahaq il-livell tal-prova rikjest mill-Ligi sabiex l-Ewwel Onorabbli Qorti ssib lill-imputat hati tal-imsemmija reati. Tant hu hekk illi l-Onorabbli Qorti donnha ghamiltha 'for granted' illi l-allegat numru ta' telefon cellular (li l-kwerelanta fix-xiehda taghha l-

anqas biss ghamlet referenza ghalih) huwa dak tal-imputat u dan meta effettivament in-numru tal-imputat huwa 79846476 li ilu juza' ghal diversi xhur. Illi fuq nuqqas tant gravi minn naha tal-prosekuzzjoni, l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet issib lill-imputat hati tal-imsemmi reat, tant illi anke mill-affidavit ta' WPS 242 R. Ghirxi, hija tiddikjara bil-gurament *"Ta' min jghid li jien pruvajt diversi drabi f'diversi hinijiet differenti u granet differenti naghmel kuntatt ma' Emanuele Infurna fuq il-Mobile tieghu izda dejjem ma wegibx."* II-fatt li ghal diversi drabi l-Pulizija Ezekuttiva ma setghetx taqbad lill-Emanuele Infurna fuq dan in-numru telefoniku huwa prova illi dan in-numru ma kienx qed jigi uzata minn Emanuele Infurna u dan il-fatt huwa korroborat mill-istess riferta tal-Pulizija li nghatat lill-imputat gewwa l-Ghassa tal-Pulizija wara li gie mitkellem telefonikament!

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi l-kwerelanta stqarret illi l-fastidju rrizulta a bazi ta' rnessaggi (srns) li hija rceviet liema messaggi ma gewx ezebitiu ghalhekk b'kull dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti hija qatt ma setghet tistrieh fuq il-verzjoni tal-kwerelanti ghandha kull interess li tibghat lil zewgha l-habs u ghal dan il-ghan ghamlet diversi tentattivi f'diversi akkuzi li fil-maggoranza taghha l-esponenti nstab mhux hati, meta huwa principju stabbilit u kristallin fil-gurisprudenza nostrana u Ligi taghna huwa 'The Best Evidence Rule'. Illi fil-kaz odjern, il-prova li l-prosekuzzjoni kellha ggib sabiex tipprova il-kaz taghha huwa billi tezebixxi l-allegat messaggi. Illi mhux talli dawn il-messaggi qatt rna ngabu quddiem din l-Onorabbli Qorti, izda l-Onorabbli Qorti donnha qed tistrieh fuq ix-xhieda moghtija minn Sylvana Infruna li ghandha kull interess li tixhed kif xehdet. Illi skont il-principju tal-Best Evidence Rule, l-ahjar prova f'dan il-kaz kien propju illi jigu ezebiti l-allegati sms rcevuti rnill-kwerelanta. Illi 1-prosekuzzjoni li kellha kull opportunita li taghmel dan, naqset milli tipproduci u tesebixxi dawn l-messaggi u ghalhekk l-ahjar prova li kellha tingieb mill-prosekuzzjoni sabiex tipprova l-kaz taghha u cioe' fastidju perrnezz ta' messaggi (sms) kienu propju l-istess messaggi - liema prova qatt ma ngabet u f'tali nuqqas l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet erronja fil-gudizzju taghha meta sabet lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Illi a tempo vergine meta l-kwerelanta marret gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta, WPS 242 R. Ghirxi fl-affidavit taghha tirrepeti biss dak li l-kwerelanta Silvana Infurna qaltilha u fl-ebda hin ma tiddikjara illi hija rat il-messaggi, allegatarnent fastidjuzi. Illi ghalhekk kemm a tempo vergine u kif ukoll quddiem l-Onorabbli Qorti qatt rna ngabet l-ahjar prova u cioe' qatt ma ngabu l-messaggi allegatament

fastidjuzi u ghalhekk l-Onorabbli Qorti kienet zbaljata meta hija sabet il-esponenti hati minghajr din ippruvat il-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-Ewwel Onorabbli Qorti ukoll kienet zbaljata rneta rendiet effettiva is-sentenza sospiza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti liema sentenza giet moghtija fit-3 ta' Jannar, 2012 u dan stante illi ma ngabitx il-prova essenzjali tal-identita' tal-imputat gialadarba n-numru tal-karta tal-identita' indikat fic-citazzjoni u dak li hemm indikat fl-istess sentenza ma jaqblux u ma jirreferix ghall-istess persuna. Illi ghalhekk sabiex il-prosekuzzjoni titlob lill-Onorabbli Qorti sabiex tirrendi effettiva s-sentenza sospiza datata 3 ta' Jannar, 2012, il-prosekuzzjoni trid tipprova li Emanuele Infurna indikat f'dik is-sentenza huwa l-istess Emanuele Infurna, l-appellant. Illi l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta minghajr ma accertat ruhha li l-persuna ndikata fl-istess sentenza huwa l-istess persuna li kien akkuzat quddiema xorta wahda ghazlet li tapplika l-imsemmija sentenza, meta kien propju fid-dover tal-prosekuzzjoni li jaccertaw u jippruvaw l-identita' tal-appellant u dan billi ttellghu jixhed lill-Ispettur Edmund Cuschieri sabiex jixhed dwar l-identita' tal-persuna. Illi l-prosekuzzjoni tant kienet taf illi l-identita' tal-persuna fuq l-imsemmija sentenza u tal-appellant ma taqbilx illi nhar 18 ta' Gunju, 2012 meta l-appellant safa' vittma ghal darba ohra ta' rapport frivolu tal-kwerelanti u tressaq quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta (per Magistrat Dr. A. Vella) gie verbalizzat is-segwenti "Il-Prosekuzzjoni u l-Parte Civile umilment jitolbu differiment sabiex fis-seduta li jmiss jitressaq l-Ispettur Edmund Cuschieri biex issir il-prova tal-identita' tal-imputat ghas-sentenza moghtija fit-3 ta' Jannar, 2012 ... ". Illi dakinhar l-Ewwel Onorabbli Qorti cahdet din it-talba stante li l-kawza kienet ilha li giet appuntata u li kienet kawza sommarja u ghalhekk il-prosekuzzjoni kellha d-dover li tigi preparata. Illi li huwa ferm gravi fil-kawza odjerna huwa li l-anqas biss saret it-talba mill-prosekuzzjoni sabiex jittella' l-Ispettur Edmund Cuschieri sabiex jixhed fuq l-identita' u l-Ewwel Onorabbli Qorti minkejja li nnutat illi l-identita' tal-persuna ndikata fis-sentenza ma taqbilx ma dik tal-appellant minflok accertat ruhha mill-identita' tal-istess persuna qabdet u irrendiet is-sentenza sospiza effettiva a kuntraju ta' dak li ftit granet qabel ghamlet l-istess Onorabbli Qorti diversament preseduta li bl'lealta' kbira lejn il-Gustizzja nnutata li l-imsemmija sentenza ma tistax tigi reza' effettiva f'kaz ta' hitja la darba ma hemmx il-prova lill-hinn minn kull dubju dettat mir-raguni tal-identita' tal-imputat.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet ukoll zbaljata meta strahet kemm fuq is-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti deciza mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona datata 3 ta' Jannar, 2012, kif ukoll fuq il-garanzija personali mposta fuq l-appellant fit-8 ta' marzu, 2012 u dan stante ili l-kopji prezentati quddiem din l-Onorabbli Qorti huma biss kopji fotostatiki tal-istess sentenza u garanzija personali. Illi ghalhekk skont il-principju nhaddan minn din l-Onorabbli Qorti u cioe' l-Best Evidence Rule, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tiskarta l-imsemmija dokument stante illi l-unika kopja li l-prosekuzzjoni kellha tipprezenta quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex tipprova it-tielet (3) u raba' (4) akkuzi huma billi tipprezenta l-kopji legali tal-istess sentenza u garanzija personali jew tal-inqas li jitla' r-registratur fejn bil-gurament tieghu jikkonferma l-istess. Izda bla dubbju ta' xejn zgur li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma tistax tistrih fuq zewg kopji fotostatiki tas-sentenza u garanzija u abbazi ta' liema trendi effettivi t-tlett (3)xhur tas-sentenza sospiza kif ukoll tikkundanna lill-esponenti ihallas €500 ghal ksur tal-garanzija personali.

6. Salv aggravji ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu kaz sommarja u it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-parte civile ma saritx. Ghalhekk, din il-Qorti semghet mill-gdid il-parte civile li hi l-uniku xhud f'din il-kawza. L-appellant ghaliex li ma joffriex ix-xhieda tieghu quddiem l-ewwel Qorti.

Illi mix-xhieda ta' Silvana Infurna, illum l-appellant u il-parte civile huma separati u is-sitwazzjoni ta' dawn it-tnejn min-nies hi wahda pacifika. Fiz-zmien tal-incident, jigifieri fis-7 ta' April, 2012, ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet ma kienu tajba xejn.

Illi jirrizulta, dejjem skont il-parte civile, li fis-7 ta' April, 2012 l-appellant baghat sensiela ta' messaggi minn cellulari tieghu lejn ic-celluari ta' martu. Illi minn dikument ezebit mill-prosekuzzjoni jirrizulta li dak in-nhar bejn is-saghtejn u seba' minuti ta' wara nofs in-nhar (2.07 p.m.) u il-hdax u tnejn u ghoxrin minuta ta' fil-ghaxija (11.22 p.m.) inbaghat hdax il-messagg. Fil-fehma tal-parte civile dan il-fatt kien ta' fastidju kbir ghaliha.

Illi fl-atti ta' dan l-appell il-prosekuzzjoni ezebiet bill summary ghan-numru cellulari 9947 1032. Dan in-numru hu ta' l-appellanti. Mill-atti li ghandha quddiemha din il-Qorti ma jirrizultax li dan id-dokument gie konfermat minn xi rappresentant tas-service provider. Hi prattika ta' dawn il-Qrati li dokumenti ta' din ix-xorta jigu regolarment ezebiti mill-prosekuzzjoni izda kkonfermati minn rappresentant tas-service provider f'dik is-seduta jew seduta ohra sussegwenti. Ghalhekk, l-ilment tal-appellant li dan id-dokument ma giex konfermat hu gustifikat.

Illi min-naha l-ohra jirrizulta mix-xhieda tal-parte civile li hi rceviet sensiela ta' messaggi min-numru tal-appellant. L-appellant jsostni li ma hemm ebda prova li kien hu li baghat dawn il-messaggi. Din il-Qorti ssibha ferm difficli li temmen it-tezi ta' l-appellant anki ghal fatt li ma giet prodotta ebda prova minn fejn jirrizulta li ghal xi zmien ic-cellulari tal-appellant ma kienx ghad-dispozizzjoni tieghu jew taht il-kontroll tieghu. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-versjoni tal-parte civile hi veritjera u ghandha mis-sewa.

Illi hu veru li dawn il-messagi li rceviet il-parte civile ma gewx ezebiti izda madanakollu ma fssirx li dawn il-messaggi ma ntbaghatux. Il-parte civile xehdet li dawn il-messaggi kienu jirrigwardaw lilha u lil uliedha. F'kazijiet ta' din il-kwalita' ix-xhieda tal-parte civile hi bizzejjed.

Illi l-prosekuzzjoni ezebiet fotokopja tas-sentenza tat-3 ta' Jannar, 2012 li ghaddiet in gudikat kontra l-appellant. Ma ngabet ebda prova tal-identita' tal-persuna u ghalhekk din il-Qorti ma tistax taccetta bhala prova dik is-sentenza u il-kosegwenzi ta' dik is-sentenza fil-konfront tal-appellant.

Illi l-ewwel Qorti sabet li l-appellant gab ruhu b'tali mod li ta fastadju lil martu, Silvana Infurna, il-parte civile. Din il-Qorti fuq l-iskorta tal-provi prodotti hi ta' l-istess fehma u dan ifisser ukoll li l-appellant ghamel uzu mhux xieraq tal-cellulari tieghu.

Illi llum ir-relazzjoni bejn l-appellant u il-parte civile huma stabbli u dan imur ghal beneficcju tat-tfal taghhom.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell ta' Emanuele Infurna u tikkonferma s-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda l-ewwel zewg akkuzi. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata rigward it-tielet u ir-raba' akkuza migjuba kontra l-appellant u tilliberah minn kull htija u piena. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda l-fatt li l-appellant ghamel reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza, ghall-fatt li hu recidiv u ghall-fatt li l-garnazija ta' hames mitt euro (€500) tghaddi favur il-Gvern ta' Malta u ghalhekk tilliberah minn kull htija u piena. Thassar u tirrevoka s-sentenza ta' tlett xhur prigunerija u minflok tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' erba' telef euro (€4,000).